**Department of Communities**
Multicultural Affairs Queensland

Maltese



# Futur multikulturali għalina lkoll

Il-Policy Multikulturali ta' Queensland 2011

## Queensland Multikulturali

Queensland għandha wirt multikulturali kburi u vibranti, u d-diversità tagħna hija waħda mill-akbar saħħiet tagħna.

Mill-bidu tal-ewwel nies li ssetiljaw sal-migranti riċenti, refuġjati u dawk li daħlu b'mod umanitarju, ġenerazzjoni wara l-oħra bnew Queensland moderna. Kull komunità żiedet mal-wirt kulturali, legati u assi ta' Queensland.

## Fatti u figuri

| | |
|---|---|
| Kalkolu tal-populazzjoni fi Queensland (2011) | 4.58 miljun |
| Nies li twieldu barra l-Awstralja | 1 minn kull 6 |
| Il-populazzjoni ta' Queensland sal-2056 | 7.9 miljun |
| Tkabbir tal-populazzjoni | 76,040 fis-sena 41.6 fil-mija minn migrazzjoni minn barra l-Awstralja |
| Kontribuzzjoni tal-migranti lill-ekonomija Awstraljana | $1.16 biljun |
| Migranti tas-sengħa fi Queensland | 16,290 fis-sena |
| Dawk li jidħlu b'mod umanitarju | 1470 fis-sena |

## Prinċipji għal Queensland multikulturali

Dawk kollha li joqogħdu Queensland:

- għandhom sehem f'impenn għal Queensland u l-Awstralja
- jilqgħu u japprezzaw il-kontribuzzjoni li d-diversità twassal lill-komunità tagħna
- għandhom responsabbiltà li jimxu mal-liġijiet tal-istat u li jirrispettaw il-proċessi demokratiċi li taħthom isiru l-liġijiet
- huma ttrattati b'mod ġust u b'rispett u fehim għal xulxin, irrespettivament mill-isfond kulturali, reliġjuż, etniku u lingwistiku tagħna
- jistgħu jesprimu u jippromwovu l-kulturi tagħna skont il-liġijiet, valuri, aspirazzjonijiet u responsabbiltjiet komuni tagħna
- jaħdmu għall-iżvilupp sostenibbli ta' Queensland
- għandhom opportunitajiet biex jieħdu sehem u jikkontribwixxu għall-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali u politika ta' dan l-istat
- għandhom aċċess ekwu għas-servizzi pprovduti jew iffinanzjati mill-istat
- għandhom sehem fil-benefiċċji tal-ambizzjonijiet u l-isforzi tagħna għal Queensland biex tkun qawwija, intelliġenti, favur l-ambjent, b'saħħitha u ġusta.

Queensland Government



## Temi tal-policy

Il-Policy Multikulturali ġdida għal Queensland – *Futur multikulturali għalina lkoll*, tindika l-prijoritajiet għall-Gvern ta’ Queensland; id-dipartimenti u l-aġenziji tagħna li se jaġixxu fuq dawn it-temi ewlenin:

- leġislazzjoni ta’ għarfien multikulturali
- lingwa, informazzjoni u kommunikazzjoni
- titjib biex jitwassal is-servizz
- komunitajiet reġjonali u li bdew jissetiljaw
- xogħol bis-sengħa u intrapriżi, u
- komunitajiet inklussivi.

## Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni dwar Futur multikulturali għalina lkoll u l-Pjan ta’ Azzjoni ta’ Queensland Multikulturali 2011-14, ikkuntattja, Multicultural Affairs Queensland fuq 131304 jew żur il-websajt f’ www.communities.qld.gov.au/multicultural

2393-11 ta’ LULJU 11